MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Numru. 1042/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**ALEXANDER MAGGI**

**Illum 1 ta' Novembru 2012.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Maggi, bin John u Mary nee' Portelli, imwieled nhar it-3 ta' Gunju

1966 f’H’Attard u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 236066 M u residenti 2, Flat 3, Triq il-Merill, Mosta;

Talli

Fil-5 ta’ Ottubru 2012, ghall-habta tal-4.00 ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer, fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, saq vettura AFS 929 ta’ tip Fiat, b’mod traskurat u bla kont;

Fil-5 ta’ Ottubru, 2012, ghall-habta tal-4.15 ta’ wara nofsinhar gewwa l-ghassa tal-Qawra li tinsab fi Triq it-Turisti, l-Qawra, San Pawl il-Bahar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt lit kun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-Awtorita’ kompetenti;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurja, jew heded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 935, PS 914, PS 430, PC 1350, inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Talli wkoll fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghal Mario Borg sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Mario Borg;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi migjuba;

Rat l-Artikoli 95, 96, 338 (dd), 339 (d) (e) tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65;

Rat illi l-parti leza irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, peress illi kien intlahaq ftehim bejniethom fil-mori tal-kawza;

Rat illi l-imputat talab skuza ghall-incident kollu mal-Ufficjali tal-Pulizija, li min-naha taghhom accettaw l-iskuzi tal-imputat;

Rat illi r-recidiva addebitata lill-imputat kienet applikabbli taht l-Artikolu 49 izda mhux taht l-Artikolu 50 tal-Kap 9, u ghalhekk il-Qorti ma kienetx prekluza milli taplika l-Artikolu 28A fis-sentenza taghha;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Alexander Maggi hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundanna ghal sitt (6) xhur prigunerija liema perjodu ma jidholx fis-sehh jekk l-imputat ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, ai ermini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------